**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 732/2015 MS*

**Saint James Hospital Limited**

**Vs.**

**Degiorgio Group Limited**

Illum, 14 ta' Ġunju, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-31 ta' Jannar, 2015, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi l-esponenti Saint James Hospital Limited hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta Degiorgio Group Limited fis-somma ta' mitejn u wiehed u erbghin elf hames mija u tmienja u sebghin Ewro (€241,578) bilanc ta' prezz ta' servizzi medici, inkluz akkomodazzjoni u interventi, provduti mill-esponenti lis-socjeta' konvenuta Degiorgio Group Limited fuq struzzjonijiet taghha skond ftehim datat 10 ta'

Dicembru 2014 u diversi invoices ga mibghuta lis-socjeta’ konvenuta.

Illi l-ahhar hlas akkont mis-socjeta’ konvenuta sar fit-28 ta’ Lulju 2015, wara li l-esponenti pprezentat mandat ta’ sekwestru kontra l-istess socjeta’ konvenuta in kawtela tal-ammont shih reklamat minnha.

Illi minkejja li l-esponenti interpellat lis-socjeta’ konvenuta diversi drabi, inkuz permezz ta’ ittra ufficjali tat-8 ta’ Lulju 2015, sabiex thallas il-bilanc shih dovut minnha bl-imghaxijiet, sal-lum din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

issoktat billi talbet lil din il-qorti, prevja kull dikjarazzjoni li tista’ tirriżulta meħtieġa, jogħġobha:

i. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta’ konvenuta Degiorgio Group limited hija debitrici tal-esponenti fis-somma ta’ mitejn u wiehed u erbghin elf hames mija u tmienja u sebghin Ewro (€241,578) bilanc ta’ prezz ta’ servizzi medici dovut kif fuq spjegat;

ii. konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-esponenti s-somma shiha hekk dovuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Lulju 2015 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1157/2015, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta, li tibqa’ ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fil-11 ta’ Settembru, 2015[1], li biha eċċepiet:

**1. Illi fl-ewwel lok, l-ammont mertu tal-kawza ma huwhiex dovut fl-intier tieghu u huwa eccessiv stante illi ma jirrispekkjax ir-rati miftehma u attwati bejn il-kontendenti wara l-Ftehim ta' l-10 ta' Dicembru 2014 u dan bi ksur ta' buona fede da parti tas-socjeta' attrici.**
Illi filwaqt illi huwa minnu illi, ai termini tal-Ftehim datat, 1-10 ta' Dicembru 2014 (il"Ftehim"), is-socjeta' attrici obbligat ruhha illi tippresta servizzi lil pazjenti riferuti mis-socjeta' intimata, l-istess Ftehim ma jikkontjeni

[1] A fol.16.

assolutament l-ebda klawsola li tirregola l-hlas a favur is-socjeta' attrici jew addirittura ir-rati u l-prezzijiet ta' l-istess servizzi u wisq anqas il-metodologija ta' kif kellhom jigu ikkalkolati il-prezzijiet tas- servizzi varji.
Illi effettivament u bhala rizultat ta':
(a) l-urgenza li jingħataw is-servizzi stante illi l-pazjenti kienu lkoll membri tal-militar ta' pajjizi Gharab illi indarrbu waqt il-gwerer kurrenti u
(b) il-fiducja u relazzjoni pozittiva bejn il-kontendenti,
ma kien sar l-ebda ftehim dwar il-prezzijiet ma' l-iffirmar tal-Ftehim ta' l-10 ta' Dicembru 2014, u fil-fatt, ma hemm l-ebda klawsola fil-Ftehim ta' 1-10 ta' Dicembru 2014 li jiddefinixxi rati, prezzijiet jew metodu ta' kalkolu ta' l-istess.
Illi konsegwentement, l-ammonti dovuti ma jirrizultawx mill-Ftehim, kif allegat fir- Rikors Guramentjat, izda minn ftehim sussegwenti u specifiku bejn il-kontendenti.
Illi kif ser jigi spjegat waqt il-kawza, wara li nhareg l-ewwel sett ta' fatturi ghall-ewwel numru ta' pazjenti, is-socjeta' intimata ilmentat minnufih dwar l-ammonti eccessivi indikati fil-fatturi, u infurmat lis-socjeta' attrici illi ma kenitx ser tkompli tutilizza s- servizzi taghha u addirittura kienet ser twaqqaf il-Ftehim.
Illi sussegwentement ghall-ilmenti tas-socjeta' intimata surriferiti, intlahaq ftehim verbali bejn il-partijiet sabiex il-fatturi u r-rati jigu riveduti u ridotti - dan pero' bil-patt u l-kundizzjoni (imposta mis-societa' attrici) illi s-socjeta' intimata tkompli tutilizza s- servizzi tas-socjeta' attrici u tkompli tibghat pazjenti.
Illi ir-rati imnaqqsa kif riveduti u maqbula bejn il-partijiet, gew rifless f""dokument ipprezentat waqt laqgha għal dan il-ghan bejn il-kontendenti - Kopja annessa u mmarkata Dok. DG1.
Illi in piu', il-ftehim dwar ir-rati imnaqqsa gie attwat permezz tal-hrug ta' Credit Note illi nharget mis-socjeta' attrici a favur is-socjeta' intimata.
Illi a bazi ta' l-istess kuntrattazzjoni dwar rati, rifless u attwat permezz tal-hrug tal- Credit Note, is-socjeta' intimata regghet bdiet tibghat pazjenti, ossia membri tal-militar midruba, ghall-kura ghand is-socjeta' attrici.
Illi nonostante cio', il-fatturi mahruga ghall-pazjenti mibghuta wara tali ftehim, dwar rati imnaqqsa u li huma l-mertu tal-kawza odjerna, jirriflettu rati ferm oghla minn dak pattwit kif ukoll nuqqas ta' applikazzjoni tar-riduzzjoni li, fl-ahhar mill-ahhar, kienet r- raguni esklussiva a bazi ta' liema, is-socjeta' intimata baqghet tutilizza s-servizzi tas-Socjeta' attrici.
Illi is-socjeta' intimata qatt ma accettat jew b'xi mod approvat il-fatturi mahruga mir- rikorrent, meritu ta' dina l-kawza, tant illi l-istess fatturi kienu ntbghatu lura lill-istess

socjeta' rikorrenti sabiex issir ir-revizjoni u t-tnaqqis miftiehem.
Illi diversi tentattivi sabiex l-ammont ghas-servizzi rezi jigi rivedut u mnaqqas ghal total ta' mhux aktar minn mitejn u hamsin elf Euro (€250,000) ai termini tal-ftehim, sfaw inutli.
Illi wara l-prezentata ta' l-Ittra Ufficiali attrici, is-socjeta' intimata ghamlet hlas ta' €117,000 b'dan illi l-bilanc ghas-servizzi rezi huwa ta' €133,000, izda is-socjeta' attrici xorta wahda qed tippretendi hlas ta' l-ammont eccessiv.
Illi għalhekk, f'dan ir-rigward, is-socjetà attrici palesament naqset mill-obbligu taghha ta' buona fede fil-konfront tas-socjeta' intimata.
Illi kif gie ritenut mis-socjeta' intimata mas-socjeta' attrici, il-bilanc effettivament dovut fid-data tal-prezentata tal-kawza ghal servizzi rezi, ma jeccedix is-somma ta' €133,000 dan pero' mingħajr pregudizzju għat-tieni eccezzjoni.

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mertu tal-kawza ma jikkomprendix tnaqqis ta' ammont dovuti lis-socjeta' intimata rapprezentanti Commission u dan bi ksur flagranti tal-ftehim ghal dan il-ghan bejn il-partijiet.**
Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ghalkemm il-bilanc realment dovut ghas-servizzi rezi jammontaw ghal €133,000, is-somma attwalment dovuta lis-socjeta' attrici hija ferm inqas u dan stante ammont dovut mis-socjeta' attrici a favur is-socjeta' intimata bhala Commission.
Illi kif sejjer jigi spjegat waqt il-kawza, is-socjeta' attrici kienet weghdet lis-socjeta' intimata hlas ta' Commission bir-rata ta' bejn erbgha u hamsa fil-mija (4%-5%) fuq il-kontijiet mahruga ghall-kura tal-pazjenti u dan kjarament sabiex is-socjeta' intimata timmassimizza, ghall-gwadann finanzjarju tas-socjeta' attrici, in-numru ta' pazjenti riferuti ghall-kura.
Illi dan il-ftehim kien attwat bejn il-partijiet u effettivament, is-socjeta' attrici hallset a favur is-socjeta' intimata Cekkijiet rapprezentanti Commission -kif rifless fl-anness Dok. DG2. Dan pero' ma sarx fir-rigward tal-kontijiet mertu tal-kawza u fil-fatt fil-kawza odjerna, ma sar assolutament l-ebda accenn ghall-hlas ta' l-istess Commission.
Illi ghalhekk, mill-bilanc dovut mis-socjeta' intimata a favur is-socjeta' attrici bhala prezz ta' servizzi rezi, irid jitnaqqas ukoll il-Commission dovut mis-socjeta' attrici a favur is-socjeta' intimata.

**3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, is-servizz rez mid-socjeta' attrici ma kienx**

**skond is-sengha u l-arti mehtiega fis-settur mediku tant illi s-socjeta' intimata inkorriet spejjez sostanzjali sabiex tirrettifika negligenza da parti tas-socjeta' attrici illi f'kaz partikolari kwazi wasslet ghall-mewt ta' pazjent.**

**4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, il- pretenzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma bil-bosta ezagerati u mahduma fuq rati illi bl-ebda mod ma jirriflettu r-realtajiet u l-prezzijiet ezistenti fis-suq kummercjali**
Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jigi spjegat waqt l-andament tal-kawza, l-ammonti pretizi huma fi kwalsiasi kaz ezagerati u certament ma jirrispekkjawx ir-rati applikati minn sptarijiet kemm lokali kif ukoll barranin u s-socjeta' attrici ma tistax tipprova tiehu xi beneficcju mill-fatt li qabel ma inghata s-servizz ma gietx segwita l-procedura ghall-kwotazzjoni tal-prezz tas-servizzi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura qabel l-assenjazzjoni tal-kawża lil din il-qorti kif presjeduta;

4. Semgħet ix-xhieda prodotti wara r-riassenjazzjoni tal-kawża;

5. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attriċi trid li tiġi kanonizzata kreditriċi tal-konvenuta b'konsegwenza ta' prestazzjonijiet eżegwiti skont ftehim milħuq bejn l-istess kontendenti b'kitba tal-10 ta' Diċembru 2014.

8. Illi l-fatti kif jemerġu mill-provi prodotti waqt is-smigħ tal-kawża jistgħu jiġu esposti fil-qosor kif ġej:

a) l-attriċi kienet fiż-żmien rilevanti tmexxi u topera sptar ġewwa Ħaż-Żabbar[2] u ieħor fi Sliema;

b) minħabba l-gwerra li kienet għaddejja fil-Libja f'dik l-epoka, li ħolqot ammont kbir ta' nies midrubin u nsuffiċċjenza ta' faċilitajiet mediċi biex ilaħħqu mal-influss tal-pazjenti, il-konvenuta laħqet ftehim mal-awtoritajiet Libiċi sabiex numru ta' pazjenti jiġu trasferiti lejn Malta għall-kura. Il-konvenuta, li ma toperax fis-settur mediku, avviċinat lill-attriċi sabiex jintlaħaq ftehim bejniethom flimkien mal-istess awtoritajiet Libiċi. Dan il-ftehim intlaħaq, tant li l-konvenuta anki ffirmat ftehim mal-istess awtoritajiet.

c) bi skrittura privata ffirmata fl-10 ta' Diċembru 2014[3], l-attriċi ntrabtet lejn il-konvenuta li taċċetta pazjenti mibgħuta lilha għal skopijiet ta' trattament mediku mill-esteru. Il-ftehim jgħid li l-attriċi kellha tieħu ħsieb «*final diagnosis, treatment and follow up of their treatment. As well as the transfer of patients to and from the airport by an ambulance when this is necessary*». Dwar il-ħlas, dan il-ftehim jgħid biss: «*... all the costs of those services are included in the final invoice of the patient based on the applicable regulations of the First Party*[4]» u «*The First Party is committed to pay after 30 days from the date of invoice for all expenses and entitlements of the wounded like the hospital and other services*»;

d) l-attriċi tgħid li wara li saret din l-iskrittura, intlaħaq ftehim verbali bejn Andrè Chetcuti u Brian Bondin f'isem l-attriċi u Paul Degiorgio f'isem il-konvenuta li l-ħlas kellu jsir fis-somma ta' €189 kuljum għal kull pazjent[5]. Dan il-ftehim eventwalment inbidel billi s-somma ġiet ridotta għal €50 kuljum, u dan b'effett b'lura[6]. Ir-rata, tkompli tgħid l-attriċi, kellha tiżdied għal €75 kuljum b'effett mill-21 t'April 2015;

---

[2] Ara x-xiehda ta' Albert Micallef, a fol.36.
[3] Kopja eżebita a fol.31.
[4] Skont l-iskrittura privata, «*the First Party*» kienet il-konvenuta.
[5] Ara x-xiehda ta' Albert Micallef, a fol.37.
[6] Ara x-xiehda ta' Albert Micallef, a fol.37-38.

e) min-naħa tagħha, l-konvenuta ssostni li hi kellha ftehim verbali milħuq qabel l-iffirmar tal-iskrittura tal-10 ta' Diċembru 2014, ma' Dr Josie Muscat u Brian Bondin, li l-pazjenti kellhom jiġu trasferiti ġewwa l-isptar immexxi mill-attriċi f'Ħaż-Żabbar, u li r-rata ta' *bed night* kellha tkun ta' €50 kull lejl[7]. Dwar l-ispejjeż ta' kura, il-konvenuta tgħid li hi ġiet imwiegħda li dawn ir-rati kellhom jintbagħtu lilha qabel ma l-kontraenti jibdew iwettqu l-kuntratt. Dan però ma sarx, u l-konvenuta tgħid li straħet fuq il-*bona fidei* tal-attriċi meta bdiet tibgħat il-pazjenti. Degiorgio xehed li l-awtoritajiet Libiċi, wara t-trasferiment ta' biss għaxar pazjenti, bdew jilmentaw mir-rati tal-attriċi billi kienu eżaġerati, u riedu jitterminaw il-ftehim. Minħabba f'hekk, saret laqgħa oħra bejn il-konvenuta u rappreżentanti tal-attriċi, u sar ftehim dwar tnaqqis sostanzjali fir-rati, tant li l-attriċi anki ħarġet noti ta' kreditu. Fid-dawl tal-ftehim milħuq, baqgħu jiġu trasferiti pazjenti mil-Libja[8]. Il-konvenuta iżda tilmenta li minkejja dan il-ftehim, il-fatturi meritu tal-kawża nħarġu mingħajr it-tnaqqis miftiehem[9];

f) il-konvenuta eżebit fattura tal-attriċi, datata 5 ta' Frar 2015[10]. Minn dan id-dokument jirriżulta li l-attriċi kienet qed tiffattura lill-konvenuta rati fissa kuljum għal ċerti servizzi, u ammonti oħrajn għal servizzi li jiġu prestati skont il-bżonnijiet tal-pazjent. Il-fattura in kwistjoni turi li l-pazjent imsemmi kien miżmum mill-attriċi għal għoxrin jum, li jfisser li r-rati fissi mposti mill-attriċi kienu ta' €98 bħala «*fixed medical package*» kuljum, €189 bħala «*Medical Services*» kuljum u €50 bħala «*Hospital accomodation*» kuljum, u ċjoè €337 kuljum. Fuq din il-fattura mbagħad hemm kitba bl-idejn li turi li r-rati minflok maqbula kienu ta' €89, €75 u €50 kuljum, li b'kollox iġibu €214. Skont Degiorgio, il-kitba bl-idejn in kwistjoni hija ta' Andrè Chetcuti, l-kontrollur finanzjarju tal-attriċi[11]. Bl-applikazzjoni ta' dawn ir-rati miktuba bl-idejn, tgħid il-konvenuta, hija ħallset lill-attriċi s-somma ta' €10,465 in eċċess ta' dak dovut minnha realment[12];

[7] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Paul Degiorgio, a fol.47.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Paul Degiorgio, a fol.47.
[9] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Paul Degiorgio, a fol.48.
[10] A fol.22.
[11] Ara x-xiehda ta' Paul Degiorgio, a fol.81. Andrè Chetcuti, fix-xiehda tiegħu a fol.111, ikkonferma li parti biss minn din il-kitba bl-idejn hija tiegħu.
[12] Ara x-xiehda ta' Paul Degiorgio, a fol.84.

g) Paul Degiorgio xehed ukoll li hu kellu ftehim mal-attriċi sabiex din tħallsu kummissjoni ta' 5% fuq kull fattura. Degiorgio jgħid li l-kummissjoni tħallset biss fuq l-ewwel żewġ fatturi, iżda fuq il-fatturi kontestati ma tħallset ebda kummissjoni. Degiorgio jgħid li kien biss waqt il-kawża li kien infurmat li l-ħlas ta' kummissjoni fuq servizzi mediċi kienet kunsidrata bħala ksur ta' etika ta' tabib u klinika[13]. Meta reġgħa xehed fi stadju ulterjuri, Degiorgio fisser li l-ftehim tal-kummissjonijiet ntlaħaq mal-konvenuta, u rrifera għad-dokumenti eżebiti minn fol.23-26, li però jirreferu għal kummissjoni ta' 10%;

h) il-konvenuta tilmenta li wara t-trasferiment t'għaxar pazjenti, l-attriċi ma kienx baqgħalha aktar spazju fejn takkomoda pazjenti fl-isptar f'Ħaż-Żabbar, minkejja l-ftehim verbali li kellha mal-konvenuta. Dr Muscat, f'isem l-attriċi, kien għarraf lill-konvenuta li l-attriċi kienet se tibda takkomoda pazjenti fi klinika li kellha f'Wied il-Għajn. Il-konvenuta tgħid li xi żmien wara saret taf li dan il-post ma kienx klinika imma lukanda magħluqa, maħmuġa u fi stat abbandunat[14]. Tgħid li l-pazjenti lmentaw xhur wara, imma tant ilmentaw li r-rappreżentant tal-awtoritajiet fil-Libja żar Malta biex jara hu stess x'kienet is-sitwazzjoni. Fil-laqgħa li segwiet, Dr Muscat, f'isem l-attriċi, kien għarraf lill-konvenuta u lir-rappreżentant tal-awtoritajiet Libiċi li kien se jsir *refurbishment* fil-post. L-awtoritajiet Libjani riedu li sakemm dan isir, ma tiġix imposta r-rata kwotidjana tal-*bed nights*. Il-konvenuta tgħid li għalkemm l-imwiegħed *refurbishment* inbeda, dan kien qed isir fil-presenza tal-pazjenti[15] u ħoloq trabijiet u ħmieġ li ma kienx konduċiv għaż-żamma tal-pazjenti. Il-konvenuta ssostni li l-attriċi ntalbet takkomoda l-pazjenti f'xi sptar ieħor immexxi minnha, imma dan ma setax isir[16]. Il-konvenuta produċiet bħala xhud tagħha lil Gamil Merges, li kien imqabbad biex jassisti lir-rappreżentant tal-awtoritajiet Libiċi f'Malta. Dan xehed li l-post f'Wied il-Għajn ma kienx tajjeb għall-użu ntiż mill-attriċi. Xehed li s-sodod ma kienux tajbin u li għall-ewwel ġimgħatejn, l-ikel kien ikollu jinġieb minn

[13] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Paul Degiorgio, a fol.48.
[14] Il-binja relattiva hija murija f'ritratt li huwa inserit a fol.137.
[15] Ara wkoll ix-xiehda ta' Brian Bondin, a fol.100.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Paul Degiorgio, a fol.47.

Żabbar, sakemm saret kċina f'Wied il-Għajn. Dawn il-pazjenti kienu jittieħdu l-isptar meta jkollhom intervent, imbagħad jittieħdu lura[17].

i) il-konvenuta tilmenta wkoll illi mhux il-pazjenti kollha trasferiti lill-attriċi ġew ikkurati, billi l-attriċi ma kinitx taf kif għandha tikkura l-pazjenti kollha mibgħuta lilha taħt il-ftehim li kellha mal-konvenuta. Degiorgio xehed li kienu biss għaxra minn erbgħin pazjent li rċievew il-kura neċessarja. Il-bqija nżammu biss bħala residenti u dwarhom intalbu spejjeż eżaġerati waqt li x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni f'Wied il-Għajn kienu għadhom qed jiġu eżegwiti;

j) Paul Degiorgio, d-direttur tal-konvenuta, jixhed dwar pazjent partikolari, u ċjoè Amad Mohamed Abrahim, li kważi tilef ħajtu b'konsegwenza ta' żball fl-għoti tad-demm li ttieħed mill-attriċi. B'konsegwenza ta' dan, il-pazjent in kwistjoni kellu jintbagħat l-Isptar Mater Dei b'urġenza u anki hedded li jfittex lill-konvenuta għad-danni[18]. Minħabba s-servizz li rċieva mill-isptar Mater Dei, tgħid il-konvenuta, kellu jsir ħlas ta' €15,610[19];

k) il-konvenuta ħallset l-ammont ta' €117,000 qabel bdiet il-kawża, u għamlet ħlas ukoll fil-mori[20].

9. Huma fuq dawn il-fatti li l-qorti trid tifforma l-ġudizzju tagħha.

Ikkunsidrat:

10. Illi huwa opportun li qabel xejn jiġu kkunsidrati t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

11. Bit-tieni eċċezzjoni tagħha, l-konvenuta tgħid li huma dovuti lilha kummissjonijiet skont il-ftehim tagħha mal-attriċi, bir-rata ta' 5% fuq dak fatturat. Issa l-ftehim bil-

[17] Ara fol.152. Ara wkoll ix-xiehda in kontro-eżami ta' Albert Micallef, a tergo ta' fol.178.
[18] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Paul Degiorgio, a fol.48.
[19] Ara l-irċevuta a fol.167.
[20] Ara x-xiehda ta' Albert Micallef, a fol.39.

miktub bejn il-kontendenti ma jgħid xejn dwar kummissjonijiet li jistgħu ikunu dovuti mill-attriċi lill-konvenuta.

12. Mill-provi jidher li tassew tħallsu xi ammonti lil Paul Degiorgio, direttur tal-konvenuta (ara fol.23 u fol.25). Meta xehed bil-mezz tal-affidavit, Paul Degiorgio qal li l-ftehim mal-attriċi kien li «*jibda jħallasni*», li jindika li l-ftehim dwar il-kummissjoni kien milħuq bejn l-attriċi u Paul Degiorgio personalment, u mhux mal-konvenuta. Apparti din l-indikazzjoni aktarx lakonika fl-affidavit ta' Paul Degiorgio, hemm żewġ ċirkostanzi oħrajn li jwasslu lill-qorti għal din il-konklużjoni. L-ewwel ċirkostanza hija dik li l-uniċi ħlasijiet ta' kummissjoni li saru, fil-fatt saru direttament lil Paul Degiorgio, u mhux lill-konvenuta.

13. It-tieni ċirkustanza mbagħad hi proprju li fil-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuta ma jingħad xejn dwar din il-kummissjoni. Il-fatt li l-kontraenti f'kitba li jagħmlu bejniethom ma jsemmu xejn dwar xi patt partikolari toħloq preżunzjoni qawwija li dak il-patt ma jkunx fil-fatt parti mill-ftehim tagħhom.

14. La darba għalhekk il-qorti qed tasal għall-konklużjoni li l-kummissjoni li tista' tkun dovuta mill-attriċi hija dovuta lil Paul Degiorgio, u mhux lill-konvenuta, isegwi li din il-materja ma tistax tiġi kkunsidrata f'din il-kawża, b'rispett lejn il-prinċipju tal-personalità ġuridika distinta ta' kull kumpanija minn dik tal-membri tagħha[21] (ara wkoll għall-applikazzjoni tal-prinċipju ***Av. Katya Azzopardi noe vs. Karl Wolfgang Lindenblatt***, Appell Superjuri, 18/7/2014).

15. F'kull każ, il-qorti jidhrilha li ftehim dwar ħlas ta' kummissjoni fuq prestazzjoni ta' servizzi mediċi lanqas m'huwa validu minħabba dak li jipprovdu l-artikoli 985 u 990 tal-Kodiċi Ċivili – effett li d-direttur tal-konvenut jistqarr li sar jaf bih fil-mori ta' din il-kawża[22].

16. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni hija miċħuda.

---

[21] Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji.
[22] Fil-fatt, Paul Degiorgio fl-affidavit tiegħu (a fol.48) jgħid: «*Kien biss wara u ċioè fil-mori ta' dan il-każ illi jiena ġejt infurmat illi commission fuq servizzi mediċi hija kwistjoni kontra l-etika ta' tabib u ta' klinika*».

Ikkunsidrat:

17. Inqisu issa t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta, u ċjoè dik li tirrigwarda l-kwalità tas-servizzi mediċi prestati mill-attriċi. Proprju għaliex hi l-konvenuta li qed tallega n-nuqqas fil-kwalità tas-servizzi reżi, l-oneru tal-prova jinkombi fuqha, in omaġġ tal-prinċipju *reo in excipiendo fit actor*.

18. Il-qorti ma jidhrilix li l-konvenuta ġabet prova tajba tan-nuqqasijiet allegati minnha. Il-fatt waħdu li l-pazjenti riferuti mill-konvenuta kienu miżmuma f'post separat mill-isptar ma jfissirx li l-attriċi kienet qed tonqos mill-livell ta' kura mistenni minnha. L-ilmenti tal-konvenuta dwar il-kondizzjoni tal-post f'Wied il-Għajn ma ġewx sostanzjati kif imiss. Il-konvenuta la ressqet ritratti u lanqas xhieda li setgħu juru jew jikkonfermaw li l-kondizzjoni tal-post imsemmi, jew l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, wasslu biex il-pazjenti ma jingħatawx is-servizz mistenni. Huwa minnu li l-pazjenti in kwistjoni m'humiex Maltin iżda Libjani, però din il-kawża damet pendenti disa' snin, li seba' snin minnhom kienu kollha dedikati għall-provi tal-konvenuta, u li matulhom il-konvenuta ma ressqet ebda xhud ħlief lil Gamil Merges biex tissostanzja l-ilmenti tagħha. Lanqas ma ressqet xi korrispondenza ta' ebda forma li turi li tassew saru lmenti mill-pazjenti jew mill-awtoritajiet Libiċi dwar il-kondizzjoni ta' dan il-post. L-uniku persuna li l-konvenuta riedet tipproduċi biex tixhed f'isem xi awtorità fil-Libja però ma tħallietx tixhed minn din il-qorti, kif diversament presjeduta, minħabba li ma kinitx debitament indikata fil-lista tax-xhieda mehmuża mar-risposta ġuramentata.

19. Fir-rigward tax-xiehda ta' Gamil Merges, il-qorti mbagħad jidhrilha li din ix-xiehda b'ebda mod ma tlaħħaq il-livell meħtieġ sabiex jintwera li l-prestazzjonijiet reżi mill-attriċi kienu difettużi talment li jiġġustifikaw riduzzjoni fil-ħlas dovut lilha. Kull ma qal Merges kien li s-sodod mhux tajbin u li ma kienx hemm kċina għall-ewwel ġimgħatejn, sakemm saret kċina fil-post in kwistjoni.

20. Il-ftehim datat 10 ta' Diċembru 2014 ma jorbotx lill-attriċi dwar fejn għandhom jinżammu l-pazjenti, u għalhekk ma jistax jingħad li bil-fatt li l-attriċi żammet dawn il-pazjenti fil-proprjetà li kellha f'Wied il-Għajn kisret il-ftehim. Dan speċjalment la ma ntweriex għas-sodisfazzjoni tal-qorti li din il-proprjetà ma kinitx idonja għall-użu destinat lilha mill-attriċi.

21. Il-konvenuta eżebiet korrispondenza mid-Dipartiment tas-Saħħa kif ukoll ċertifikat datat 8 ta' Frar 2024 li jgħid li ma saret ebda applikazzjoni minn St James Hospital dwar EDVAN Hotel Marsaskala[23]. Dawn id-dokumenti madanakollu ma jwasslux lill-qorti biex tbiddel il-konklużjoni tagħha. Fl-ewwel lok, għaliex il-konvenuta kellha tipproduċi xhieda biex il-fatt imsemmi f'dan iċ-ċertifikat jiġi konfermat kif imiss. Fit-tieni lok għaliex mill-provi prodotti, l-isem "EDVAN Hotel" ma jidher imkien, b'mod li l-qorti ma tistax torbot dan l-isem mal-post fejn l-attriċi żammet il-pazjenti in kwistjoni. Dan allura jfisser li ċ-ċertifikat jista' jkun u jista' ma jkunx qed jirreferi għall-proprjetà in kwistjoni.

22. Dwar l-ilment tal-konvenut li kien hemm pazjent li ingħata demm ħażin, il-qorti wkoll ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li hawn ukoll il-konvenuta naqset milli ġġib prova adekwata tal-allegazzjoni tagħha. Prova li ma kinitx diffiċli li ssir, permezz tal-produzzjoni ta' tobba jew rappreżentanti tal-Isptar Mater Dei li jistgħu jixhdu u jispjegaw x'kienet ir-raġuni għaliex il-pazjent kellu jittieħed f'dan l-isptar u kif ukoll jixhdu dwar fatti oħrajn rilevanti għall-ħtija li talvolta seta' kellha l-attriċi fil-kondizzjoni ta' dan il-pazjent.

23. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk anki t-tielet eċċezzjoni ma tirriżultax mistħoqqa.

Ikkunsidrat:

24. Niġu issa għall-ewwel u għar-raba' eċċezzjonijiet, li huma sfumaturi tal-istess kontestazzjoni, u għat-talbiet innifishom tal-attriċi, fejn il-materja li trid tevalwa l-qorti tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ftehim tal-kontendenti.

25. Huwa prinċipju akkolt dak imfissier mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Onor. Edgar Cuschieri O.B.E., noe vs. Perit Gustavo R. Vincenti A & CE*** (13/2/1950)[24]: «*Illi fid-dritt dwar il-materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, meta l-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar, jew ikunu spjegaw ruħhom ekwivokament, jew fil-każ li*

[23] A fol.177.
[24] Kollezz. Vol.XXXIV.i.27.

*posterjorment għall-kuntratt jintervjenti avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx preveduta u li hemm bżonn li tiġi maqtugħa, allura l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u din għandha tiġi primjerament interpretata skond l-intenzjoni komuni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*».

26. La darba l-iskrittura ffirmata bejn il-kontendenti hija aktarx lakonika, u rriżulta wkoll li wara li ġiet iffirmata, f'kull każ seħħ ftehim ġdid dwar ir-rati applikabbli mill-kontendenti, kien neċessarju għall-qorti li tieħu qies tat-testimonjanzi prodotti mill-kontendenti dwar l-istess ftehim. Eżaminati l-pożizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, l-kwistjoni tirriduċi ruħha għal aċċertament dwar jekk ir-rati ridotti murija fid-dokument eżebit mill-konvenuta a fol.22 ġewx applikati għas-servizzi kollha li rendiet l-attriċi taħt il-ftehim tal-10 ta' Diċembru 2014. Mid-dokument eżebit minn Albert Micallef u mmarkat Dok AM2 (a fol.34), jirriżulta effettivament li għall-pazjenti kollha riferuti mill-konvenuta, l-attriċi pretendiet ħlas fl-ammont ta' €489,216. Dan l-ammont huwa dak riżultanti wara t-tnaqqis ta' €48,234, li l-attriċi naqset mill-fatturat tagħha u li skont Albert Micallef, kien tnaqqis awtorizzat miċ-*chairman* tal-attriċi, Dr Muscat.

27. Il-qorti qed tifhem li dan kien it-tnaqqis rifless fir-rati ridotti ndikati bl-idejn fuq il-fattura li tinsab eżebita a fol.22. L-attriċi tgħid li wara l-ftehim dwar it-tnaqqis, il-fatturi baqgħu joħorġu kif miftiehem. Dan però huwa kontestat mill-konvenuta, li tgħid li r-riduzzjoni miftehma ma ġietx applikata fil-fatturi sussegwenti.

28. Issa ħadd mill-kontendenti ma għoġbu jeżebixxi dawn il-fatturi sabiex il-qorti tkun tista' tiflihom u tasal għall-konklużjoni tagħha dwar jekk dawn il-fatturi nħarġux skont ir-rati ridotti jew le.

29. Ġie kostantement ritenut li: «*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn: a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5. b) Fil-kors tal-kawża*

*dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577; ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir abbażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat; d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol.XXIV/i/104)*»[25].

30. Issa m'hemmx dubju li l-attriċi kellha l-oneru li tipprova l-kreditu reklamat minnha f'dawn il-proċeduri. Din il-prova l-attriċi għamlitha bix-xiehda ta' Albert Micallef u bl-eżibizzjoni minnu ta' rendikonti dettaljati li juru l-kompożizzjoni tal-kreditu li tiegħu talbet kanonizzazzjoni l-attriċi. Hija l-fehma tal-qorti li magħmula din il-prova mill-attriċi, kien imiss lill-konvenuta mbagħad turi kif l-attriċi ma mxietx mal-ftehim li kellha magħha.

31. Fid-deċiżjoni ***Prokuratur Legali Adrian Borg noe vs. Alfred Fenech et noe et*** (Prim'Awla, 14/11/2002) ġie miżmum li: «*Meta kreditur jippreżenta, kif għamel f'dan il-każ, rendikont dettaljat tas-somma minnu pretiża, il-konvenut ma jistax jgħid li ma jaqbilx mar-riżultat u jitlob il-ħatra ta' espert komputista, jekk, qabel xejn, ma jurix fejn u kif ma jaqbilx mal-istatement tal-kreditur. L-istatement tal-Bank kreditur, maħdum*

[25] ***Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi*** (Appell Inferjuri, 12/4/2007).

*anke fl-interessi komposti, jidher in regola u ġie konfermat bil-ġurament; sakemm il-konvenut ma jindikax żbalji jew difetti fil-metodu tal-komputazzjoni, din il-Qorti m'għandhiex għax ma taċċettax dak l-istatement tal-Bank kreditur*». Hekk ukoll fil-każ odjern, il-konvenuta ma wriet b'ebda mod li dak ir-rendikont preżentat mill-attriċi u kkonfermat bil-ġurament ma kienx korrett, jew kien maħdum b'kontravvenzjoni tal-ftehim milħuq bejn il-kontendenti. Mhux biżżejjed għall-konvenuta li tgħid li l-fatturi m'humiex maħduma kif miftiehem, u ma tissostanzjax din il-kontestazzjoni ġenerika tagħha. Il-qorti ma tistax ħlief tifhem li l-konvenuta għandha kopja tal-fatturi kollha immessi mill-attriċi. Li ma kienx hekk, il-konvenuta ma setgħet qatt tallega l-inkorrettezza tagħhom. U jekk il-konvenuta kienet fil-pussess ta' dawn il-fatturi, xejn ma żammha milli teżebihom sabiex turi kif ir-rati applikati kienu aktar minn dawk miftehma. Hekk ukoll, xejn ma żamm lill-konvenuta milli tikkontro-eżamina lil Albert Micallef dwar ir-rendikont minnu preżentat b'mod li n-nuqqas ta' qbil tal-konvenuta mal-istess rendikont jiġi manifestat b'mod konkret u tanġibbli li seta' jiġi debitament apprezzat minn din il-qorti. Il-qorti ma tqisx li d-dokument eżebit a fol.93 jikkostitwixxi prova adekwata, għaliex ma jippruvax l-allegazzjoni li l-fatturi nħarġu abbażi ta' rati ħżiena.

32. Il-qorti tqis ukoll li dawn l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta essenzjalment jattribwixxu lill-attriċi inadempjenza, u ċjoè ksur tal-ftehim għal dak li jirrigwarda l-ħlas li hi setgħet titlob għall-prestazzjonijiet tagħha. Huwa wkoll affermat li l-inadempjenza trid tiġi ippruvata minn min jallegaha (ara per eżempju ***Joseph Albanese et vs. Michelina Sarè et***, Prim'Awla, 4/3/1955; u ***Vincent Brincat vs. Anna Caruana***, Appell Inferjuri, 23/6/2004). Għalhekk ukoll, kienet il-konvenuta li kellha turi li l-attriċi m'applikatx ir-rati miftehma.

33. Din il-konklużjoni hija konformi wkoll mal-prinċipju t'ekwità, billi l-attriċi kienet diġà għalqet il-provi tagħha meta l-konvenuta bdiet tressaq il-provi tagħha dwar l-allegazzjoni tagħha li l-fatturi tal-attriċi ma nħarġux skont il-ftehim. Għalhekk ukoll kien jinkombi fuq il-konvenuta li tipprova dak li kienet qed tallega, u mhux tibqa' sal-aħħar tistrieħ fuq asserzjonijiet ġeneriċi li ma ġew b'ebda mod sostanzjati.

34. Hu l-każ għalhekk li t-talbiet tal-attriċi jiġi milqugħin, b'dan illi mis-sorti għandhom jitnaqqsu l-pagamenti magħmula mill-konvenuta fil-mori tal-kawża. Skont ir-rendikont

preżentat minn Albert Micallef a fol.35, jidher li fil-mori tal-kawża l-konvenuta għamlet pagament ta' €50,000 sas-26 ta' Frar 2016. Dan jaqbel ukoll ma' dak indikat mill-konvenuta fid-dokument a fol.93. Ma jirriżultawx li saru pagamenti oħrajn, li f'kull każ kellhom jiġu ippruvati mill-konvenuta.

35. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;

(ii) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta hija debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' mija wieħed u disgħin elf u ħames mija tmienja u sebgħin Ewro (€191,578), bilanċ ta' prezz ta' servizzi mediċi;

(iii) tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' mija wieħed u disgħin elf u ħames mija tmienja u sebgħin Ewro (€191,578) lill-attriċi;

(iv) tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-imgħax legali fuq is-somma ta' mitejn wieħed u erbgħin elf ħames mija tmienja u sebgħin Ewro (€241,578) b'effett mill-preżentata tal-ittra uffiċċjali tat-8 ta' Lulju 2015 sal-10 ta' Marzu 2016, u l-imgħax legali fuq is-somma ta' mija wieħed u disgħin elf u ħames mija tmienja u sebgħin Ewro (€191,578) b'effett mill-11 ta' Marzu 2016 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(v) tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-ispejjeż kollha tal-kawża, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-8 ta' Lulju 2015 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1157/2015.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur